

## Taqisira għall-pubbliku

### Inizjattiva tal-UE biex jinħoloq Suq tat-Telekomunikazzjonijiet Ewropew integrat

#### ***X'QED JIĠI PROPOST?***

L-Ewropa għadha qed tħabbat wiċċha ma' kriżi ekonomika u soċjali profonda. Din jeħtiġilha tesplora s-sorsi kollha ta' tkabbir biex terġa' ssir kompetittiva, tagħti spinta lill-innovazzjoni u toħloq impjegi ġodda. ***Il-Kommissjoni Ewropea qed tipproponi regoli ġodda biex jitlesta s-suq Ewropew tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.***

#### ***X'INHI L-KWISTJONI?***

- Filwaqt li l-Internet isir dejjem iktar ċentrali għall-ekonomija globali, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs) qegħdin dejjem jsiru l-mutur ewlieni tat-tkabbir.
- Is-suq Ewropew għall-komunikazzjonijiet elettroniċi għadu fframmentat wisq biex jikkapitalizza dan il-mutur tat-tkabbir.
- Biex dan jiġi solvut:
  - kwalunkwe operatur tat-telekomunikazzjoni għandu jkun kapaċi joffri l-istess servizzi ta' kwalità għolja lil kwalunkwe konsumatur ikun fejn ikun fl-UE
  - l-individwi u n-negozji kollha għandhom ikunu liberi li jużaw servizzi diġitali, irrispettivament minn fejn huma bbażati fl-UE.

#### ***MIN SE JIBBENEFIKA U KIF?***

- **Il-konsumaturi u n-negozji** jkunu jistgħu jgawdu minn għażla iktar u kwalità ta' servizz aħjar “kull ħin, kullimkien u f'kwalunkwe tagħmir”, inkluża t-tneħħija ta' tariffi tar-roaming mhux ġustifikati u d-differenzi fil-prezz bejn sejħiet domestiċi u sejħiet lil pajjiżi oħra tal-UE.
- **Iċ-ċittadini** jkollhom servizzi pubbliċi iktar effiċjenti.
- **L-industrija Ewropea tat-telekomunikazzjoni** tkun f'qagħda aħjar biex tikkompeti globalment u tipprovdi servizzi veloċi għall-but ta' kulħadd.
- Industriji oħra jibbenefikaw, bħal pereżempju **l-manifattura tal-karozzi u s-saħħa**, li jiddependu fuq il-konnettività għall-produzzjoni, għal-loġistika u għad-distribuzzjoni, u għall-prodotti tagħhom stess.
- **L-ekonomija aktar wiesgħa**: It-tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali mistennija żżid tkabbir annwali ta' 0.9% (€110 biljun) mal-PGD tal-UE.

#### ***GĦALIEX MEĦTIEĠA AZZJONI MILL-UE?***

- Ir-regoli differenti li japplikaw f'pajjiżi differenti tal-UE jagħmluha diffiċli biex noperaw u nikkunsmaw servizzi bejn il-fruntieri.
- L-UE biss għandha l-perspettiva u s-setgħa li toħloq sett uniku ta' regoli li japplikaw madwar l-Ewropa kollha.

#### ***X'MISTENNI JINBIDEL EŻATTAMENT?***

- Il-konsumaturi u n-negozji jkunu jistgħu jagħżlu l-aħjar offerti, irrispettivament minn fejn ikunu, inkluż:
  - Il-libertà li wieħed jaqleb minn provveditur għal ieħor

- informazzjoni iktar ċara dwar kuntratti tal-Internet (eż. velocitàjiet ta' konnessjoni, limiti tad-dejta, eċċ.)
- protezzjoni aħjar f'relazzjonijiet kuntrattwali.
- Ibblukkar ta' siti u trażżin onlajn jiġu pprojbiti (ħlief f'każijiet limitati ħafna, iġġustifikati b'mod ċar).
- L-operaturi tat-telekomunikazzjoni jkunu jistgħu jagħmlu negozju fil-pajjiżi kollha tal-UE b'sistema unika ta' awtorizzazzjoni.

***META GĦANDHOM JIDĦLU FIS-SEĦĦ IR-REGOLI L-ĠODDA?***

Sar-rebbiegħa 2014.